KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell, 20.9.2006
KUMM(2006) 513 finali

2006/0171 (CNS)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

dwar l-esportazzjoni ta' oġġetti kulturali

(Verżjoni kkodifikata)

(ippreżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. Fl-isfond ta' Ewropa għall-poplu, il-Kummissjoni tisħaq li tissimplifika u tiċċara l-liġi tal-Komunità sabiex tkun iktar ċara u iktar aċċessibbli liċ-ċittadin komuni u b'hekk toffrilu aktar opportunitajiet u ċ-ċans li juża d-drittijiet speċifiċi li tagħtih.

   Ma jistax jintlaħaq dan il-għan sakemm il-bosta dispożizzjonijiet li ġew emendati ħafna drabi b'mod sostanzjali, jibqgħu imferxin bejn l-att oriġinali u atti segwenti li jemendaw l-oriġinali. Hemm bżonn għalhekk ta' riċerka mdaqqsa li tqabbel ħafna atti differenti ma' xulxin sabiex jiġu identifikati r-regoli preżenti.

   Għalhekk hu essenzjali li ssir kodifikazzjoni ta' regoli li ġew emendati ta' sikwit sabiex il-liġi tal-Komunità tkun ċara u trasparenti.

2. Għalhekk fl-1 ta' April 1987 il-Kummissjoni ddeċidiet[1] li tordna lill-persunal tagħha li kull att leġislattiv għandu jiġi kkodifikat wara mhux iktar minn għaxar emendi, u tenfasizza li din hi kundizzjoni minima u li d-dipartimenti għandhom jippruvaw li jikkodifikaw it-testi li huma responsabbli għalihom anke wara inqas emendi biex jiżguraw li r-regoli tal-Komunità huma ċari u jinftiehmu malajr.

3. Il-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Edinburgu (Diċembru 1992) ikkonfermaw dan[2], waqt li saħqu l-importanza tal-kodifikazzjoni għaliex tagħti ċertezza għal-liġi applikabbli.

   Il-kodifikazzjoni għandha sseħħ skond il-proċedura normali leġislattiva tal-Komunità.

   Għalkemm l-ebda bidla sostanzjali ma tista ssir lill-atti li jiġu kkodifikati, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni qablu permezz ta' ftehim interistituzzjonali ta' l-20 ta' Diċembru 1994 li jistgħu jużaw proċedura mgħaġġla għall-adozzjoni bikrija ta' atti ta' kodifikazzjoni.

4. L-għan ta' din il-proposta hu li sseħħ il-kodifikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3911/92 ta' 9 ta' Diċembru 1992 dwar l-esportazzjoni ta' oġġetti kulturali[3]. Ir-Regolament il-ġdid jissupera lill-atti varji inkorporati fih[4]; din il-proposta żżomm il-kontenut kollu ta' l-atti li qed jiġu kkodifikati u għalhekk kull ma tagħmel hu li tgħaqqadhom bl-emendi formali biss kif meħtieġ mill-eżerċizzju ta' kodifikazzjoni nnifsu.

5. Il-proposta tal-kodifikazzjoni nħasbet a bażi ta' konsolidazzjoni preliminarja fl-ilsna kollha uffiċjali tar-Regolament (KEE) Nru 3911/92 u ta' l-atti li jemendawh, magħmula mill-Uffiċċju għall-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej permezz ta' sistema ta' pproċessar ta' data. Fejn l-artikoli ngħataw numri ġodda, il-korrelazzjoni bejn in-numri ġodda u qodma tidher fit-tabella misjuba fl-Anness III tar-Regolament kkodifikat.

---

1 KUMM(87) 868 PV.

2 Ara Anness 3 għal Parti A tal-Konklużjonijiet.

3 Magħmul skond il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – Kodifikazzjoni ta' l-*Acquis Communautaire,* KUMM(2001) 645 finali.

4 Ara l-Anness II għal din il-proposta.

↓ 3911/92 (adattat)

2006/0171 (CNS)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

dwar l-esportazzjoni ta' oġġetti kulturali

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu ~~113~~ ⌦ 133 ⌫ tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mingħand il-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[1],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[2],

Billi:

↓

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3911/92 ta' 9 ta' Diċembru 1992 dwar l-esportazzjoni ta' oġġetti kulturali[3] ġie emendat kemm-il darba[4] b'mod sostanzjali. Għal iktar ċarezza u razzjonalità, l-imsemmi Regolament għandu jiġi kkodifikat.

↓ 3911/92 Premessa 1 (adattat)

(2) ~~In vista tal-konklużjoni~~ ⌦ Sabiex jinżamm bilanċ ⌫ tas-suq intern, regoli dwar kummerċ ma' pajjiżi mhux membri huma meħtieġa għall-protezzjoni ta' oġġetti kulturali.

↓ 3911/92 Premessa 2 (adattat)

(3) ~~Fid-dawl tal-konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 1990,~~ Jj̶idher li hu meħtieġ li jittieħdu miżuri b'mod partikolari biex jiġi assigurat li esportazzjonijiet ta' oġġetti kulturali jkunu suġġetti għal kontrolli uniformi fil-fruntieri esterni tal-Komunità.

---

1 ĠU ~~C 176~~[...], ~~tat-13.7.1992~~ [...], pġ. ~~31~~ [...].

2 ĠU ~~C 223~~[...], ~~tal-31.8.1992~~[...], pġ. ~~10~~ [...].

3 ĠU L 395, 31.12.1992, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 806/2003 (ĠU L 122, 16.5.2003, p. 1).

4 Ara l-Anness II.

↓ 3911/92 Premessa 3 (adattat)

(4) Dik is-sistema għandha teħtieġ il-preżentazzjoni ta' liċenzja mill-Istat Membru kompetenti qabel l-esportazzjoni ta' l-oġġetti kulturali koperti b'dan ir-Regolament; billi dan jeħtieġ tifsira ċara ta' l-għan ta' dawk il-miżuri u l-proċeduri għall-implimentazzjoni tagħhom; billi l-implimentazzjoni tas-sistema għandha tkun sempliċi u effiċjenti kemm jista' jkun possibbli~~; billi għandu jiġi mwaqqaf kumitat biex jassisti lill-Kummissjoni fit-twettiq tar-responsabbiltajiet tagħha mogħtija lilha b'dan ir-Regolament~~.

↓

(5) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 1999/468/KE tat-28 ta'Ġunju 1999 li tistabliixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni[5].

↓ 3911/92 Premessa 4 (adattat)

(6) In vista ta' l-esperjenza kbira ta' l-awtoritajiet ta' l-Istati Membri fit-tħaddim tar-Regolament tal-Kunsill (K~~E~~E) Nru ~~1468/81 tad-19 ta' Mejju 1981 dwar assistenza mutwali bejn l-awtoritajiet amministrattivi ta' l-Istati Membri u koperazzjoni bejn dawn ta' l-aħħar u l-Kummissjoni biex jiġi assigurat it-tħaddim tajjeb tal-liġi dwar materji doganali jew agrarji~~ ⌦ 515/97 tat-13 ta' Marzu 1997dwar għajnuna reċiproka bejn l-awtoritajiet amministrattivi ta' l-Istati Membri u l-koperazzjoni bejn dawn ta' l-aħħar u l-Kummissjoni biex ikun assigurat l-applikar korrett tal-liġi dwar materji doganali u agrikoli ⌫ [6] l-imsemmi Regolament għandu jiġi applikat għal din il-materja.

↓ 3911/92 Premessa 5 (adattat)

(7) L-Anness ⌦ I ⌫ ta' dan ir-Regolament hu mmirat li jiċċara l-kategoriji ta' oġġetti kulturali li għandhom jingħataw protezzjoni partikolari f'kummerċ ma' pajjiżi mhux membri, iżda mhux intiż li jippreġudika t-tifsira, mill-Istati Membri, tat-teżori nazzjonali skond it-tifsira mogħtija bl-Artikolu ~~36~~ ⌦ 30 ⌫ tat-Trattat;

[5] ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

[6] ~~ĠU L 144, tat 2.6.1981, pġ. 1~~. ⌦ ĠU L 82, 22.3.1997, p. 1 ⌫ Regolament kif emendat bir-Regolament ~~(KEE) Nru 945/87 (ĠU L 90, tat 2.4.1987, pġ. 3.)~~ ⌦ (KE) Nru 807/2003 (ĠU L 122, 16.5.2003, p. 36). ⌫

↓ 3911/92 (adattat)

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1
Definizzjoni

Mingħajr preġudizzju għall-poteri ta' l-Istati Membri skond l-Artikolu ~~36~~ ⌦ 30 ⌫ tat-Trattat, il-kliem "oġġetti kulturali" għandhom jirreferu, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, l-affarijiet elenkati ~~fl-~~⌦ f' ⌫ Anness ⌦ I ⌫ .

~~TITOLU 1~~

~~LIĊENZJA TA' ESPORTAZZJONI~~

↓ 3911/92

Artikolu 2
Liċenzja ta' esportazzjoni

1. L-esportazzjoni ta' oġġetti kulturali barra mit-territorju doganali tal-Komunità għandu jkun suġġett għat-turija ta' liċenzja ta' esportazzjoni.

2. Il-liċenzja ta' esportazzjoni għandha tinħareġ fuq talba tal-persuna interessata:

↓ 3911/92 (adattat)

⌦ (a) ⌫ minn awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu l-oġġett kulturali in kwistjoni kien jinsab b'mod legali u b'mod definittiv fl-1 ta' Jannar 1993~~,~~ ⌦ ; ⌫

⌦ (b) ⌫ jew, wara dan, minn awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jkun jinsab wara jew li jintbagħat b'mod legali jew b'mod definittiv minn Stat Membru ieħor, jew importazzjoni minn pajjiż mhux membru, jew ri-importazzjoni minn pajjiż mhux membru wara dispaċċ legali minn Stat Membru lil dak il-pajjiż.

Iżda, mingħajr preġudizzju għal paragrafu 4, l-Istat Membru li jkun kompetenti skond ~~iż-żewġ inċiżi~~ ⌦ punti (a) u (b) ⌫ fl-ewwel sub-paragrafu ~~huma~~ ⌦ huwa ⌫ awtorizzati li ma jeħtiġux liċenzji ta' esportazzjoni għall-oġġetti kulturali speċifikati fl-ewwel u t-tieni inċiż ta' kategorija A1 ta' ~~l-~~Anness ⌦ I ⌫ meta dawn ikunu ta' interess arkeoloġiku jew xjentifiku limitat, u sakemm ma jkunux il-prodott dirett ta' skavi, *finds* ~~u~~ ⌦ jew ⌫ siti arkeoloġiċi ġewwa Stat Membru, u li l-preżenza tagħhom fis-suq tkun legali.

↓ 3911/92

Il-liċenzja ta' esportazzjoni tista' tiġi rifjutata, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, meta l-oġġetti kulturali in kwistjoni jkunu koperti b'leġislazzjoni li tipproteġi teżori nazzjonali ta' valur artistiku, storiku jew arkeoloġiku fl-Istat Membru in kwistjoni.

↓ 3911/92 (adattat)

Meta jkun meħtieġ, l-awtorità msemmija ~~fit-tieni indent~~ ⌦ f'punt (b) ⌫ ta' l-ewwel sub-paragrafu għandu jagħmel kuntatt ma' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru li minnu l-oġġett kulturali in kwistjoni jkun ġie, u b'mod partikolari l-awtoritajiet kompetenti skond it-tifsira tad-Direttiva tal-Kunsill ~~93/.../KEE ta' ~~⌦ 93/7/KEE ⌫~~dwar ir-ritorn ta' oġġetti kulturali li jkunu tneħħew illegalment mit-territorju ta' Stat Membru~~[7].

3. Il-liċenzja ta' esportazzjoni tkun valida ġewwa l-Komunità.

4. Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' ~~dan l-Artikolu~~, ⌦ paragrafi 1, 2 u 3 ⌫ esportazzjoni diretta mit-territorju doganali tal-Komunita ta' teżori nazzjonali li jkollhom valur artistiku, storiku jew arkeoloġiku li ma jkunux oġġetti kulturali skond it-tifisra ta' dan ir-Regolament tkun suġġetta għal-liġi nazzjonali ta' l-Istat Membru ta' esportazzjoni.

Artikolu 3
Awtoritajiet kompetenti

1. Stati Membri għandhom jagħtu lill-Kummissjoni lista ta' l-awtoritajiet li jkollhom poter li joħorġu liċenzji ta' esportazzjoni għal oġġetti kulturali.

2. Il-Kummissjoni għandha tippubblika lista ta' dawn l-awtoritajiet u kull emenda lil dik il-lista fis-serje "C"' tal-*Ġurnal Uffiċjali ~~tal-Komunitajiet Ewropej~~.* ⌦ ta' *l-Unjoni Ewropea* ⌫.

↓ 3911/92

Artikolu 4
Preżentazzjoni tal-liċenzja

Il-liċenzja ta' esportazzjoni għandha tiġi murija, b'appoġġ għad-dikjarazzjoni ta' esportazzjoni, meta jsiru l-formalitajiet doganali ta' esportazzjoni, fl-uffiċċju tad-dawna li jkun kompetenti li jaċċetta dik id-dikjarazzjoni.

[7] ~~Għada mhix adottata fil-ħin ta' din il-pubblikazzjoni; kif meħtieġ fl-Artikolu 11 iktar 'l isfel, ir-Regolament preżenti se jidħol fis-seħħ fit-tielet ġurnata ta' wara l-pubblikazzjoni tad-Direttiva fil-*~~*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*~~ ⌦ ĠU L 74, 27.3.1993, p. 74 ⌫.

Artikolu 5
Limitazzjoni tal-kompetenza tal-uffiċċji tad-dwana

1. Stati Membri jistgħu jirrestringu n-numru ta' uffiċċji ta' dwana li jkollhom poter li jagħmlu l-formalitajiet għall-esportazzjoni ta' oġġetti kulturali.

2. Stati Membri li jieħdu l-għażla mogħtija fil-paragrafu 1 għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bl-uffiċċji tad-dwana li jkunu mogħtija l-poter li jagħmlu dan.

↓ 3911/92 (adattat)

Il-Kummissjoni għandha tippubblika din l-informazzjoni fis-serje "C" tal-*Ġurnal Ufficjali ~~tal-Komunitajiet Ewropej~~.* ⌦ ta' *l-Unjoni Ewropea* ⌫.

~~TITOLU 2~~

~~KOPERAZZJONI AMMINISTRATTIVA~~

Artikolu 6
Koperazzjoni Amministrattiva

Għall-finijiet li jiġi implimentat dan ir-Regolament, id-disposizzjonijiet ta' Regolament (K~~E~~E) Nru ~~1468/81~~ ⌦ 515/97 ⌫ b'mod partikolari d-disposizzjonijiet dwar il-kunfidenzjalità ta' informazzjoni, għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

B'żieda mal-koperazzjoni mogħtija skond l-ewwel sub-paragrafu, Stati Membri għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa sabiex jistabbilixxu, fil-kuntest tar-relazzjonijiet mutwali tagħhom, koperazzjoni bejn l-awtoritajiet tad-dwana u l-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 4 ta' Direttiva ~~93/.../KEE./KEE~~[8] ⌦ 93/7/KEE ⌫.

~~TITOLU 3~~

~~DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI U FINALI~~

Artikolu 7
Miżuri ta' implimentazzjoni

Id-disposizzjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari dawk li jirreferu għall-forma li għandha tinuża (per eżempju, il-mudell u proprjetajiet tekniċi) għandhom ikunu adottati skond il-proċedura ~~stabbilita~~ ⌦ msemmija ⌫ fl-Artikolu 8(2).

---

[8] ~~ara n-nota tal-qiegħ għall-Artikolu 2(2).~~

↓ 806/2003 Art.1 u Anness I, pt. 2 (adattat)

Artikolu 8
Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat.

2. Meta jsir riferiment għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 3 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE[9].

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-Regoli tiegħu ta' Proċedura.

↓ 3911/92 (adattat)

Artikolu 9
Penali

⌦ L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet adottati skond dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa kollha sabiex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u disswassivi. ⌫

Artikolu 10
Rappurtar

⌦ 1. ⌫ Kull Stat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni bil-miżuri li jkunu ttieħdu bis-saħħa ta' dan ir-Regolament.

Il-Kummissjoni għandha tikkomunika din l-informazzjoni lill-Istati Membri l-oħra.

⌦ 2 ⌫ Kull tliet snin il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Il-Kunsill għandu jirrevedi l-effettività tar-Regolament wara perjodu ta' applikazzjoni ta' tliet snin u, wara li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni, jagħmel dawk l-aġġustamenti meħtieġa.

F'kull każ, il-Kunsill, li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jeżamina kull tliet snin u, meta xieraq, jaġġorna l-ammonti indikati ~~fl~~ f' Anness ⌦ I ⌫ , abbażi ta' l-indikaturi ekonomiċi u monetarji fil-Komunita.

[9] ~~ĠU L 184, tas 17.7.1999, p. 23~~

↓

Artikolu 11

Ir-Regolament (KEE) Nru 3911/92 hu mħassar.

Referenzi għar-Regolament li ġie mħassar għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni f' Anness III.

↓ 3911/92 Art. 11 (adattat)

Artikolu 12
Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ ~~fit-tielet~~ ⌦ fl-għoxrin ⌫ jum wara ~~dak tal-~~ ⌦ l-⌫ pubblikazzjoni ⌦ tiegħu ⌫ fl-*Ġurnal Ufficjali ~~tal-Komunitajiet Ewropej~~* ~~tad-Direttiva 93/.../KEE~~[10] ⌦ ta' *l-Unjoni Ewropea* ⌫.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, […]

Għall-Kunsill
Il-President
[...]

10 ~~Għada mhix adottata fil-ħin ta' din il-pubblikazzjoni; kif meħtieġ fl-Artikolu 11 iktar 'l isfel, ir-Regolament preżenti se jidħol fis-seħħ fit-tielet ġurnata ta' wara l-pubblikazzjoni tad-Direttiva fil-*~~*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.*~~

↓ 3911/92 Anness

ANNESS I

KATEGORIJI TA' OĠĠETTI KULTURALI KOPERTI B'L-ARTIKOLU 1

A.	1.	Oġġetti arkeoloġiċi li għandhom aktar minn 100 sena li hum prodotti ta':	
		– skavi u sejbiet fuq l-art u taħt l-ilma	9705 00 00
		– siti arkeoloġiċi	9706 00 00
		– kollezzjonijiet arkeoloġiċi	
	2.	Elementi li jiffurmaw parti integrali minn monumenti artistiċi, storiċi jew reliġjużi li jkunu ġew imkissra, ta' età li ma teċċedix 100 sena	9705 00 00 9706 00 00

↓ 2469/96 Art. 1 pt. 1(a) (adattat)

	3.	Tpinġija u pittura, apparti minn dawk inklużi fil-~~kategorija 3A jew 4,~~ ⌦ kategoriji 4 jew 5 ⌫ magħmula kompletament bl-idejn fuq kull medja u b'kull materjal[1]	9701

↓ 2469/96 Art. 1 pt. 1(b) (adattat)

	~~3A.~~ ⌦ 4. ⌫	Akkwarelli, gousche u pastell eżekwiti kompletament fl-idejn fuq kull tip ta' materjal[1]	9701

↓ 2469/96 Art. 1 pt. 1(c) (adattat)

	~~4.~~ ⌦ 5. ⌫	Mużajk b'kull tip ta' materjal eżekwit kompletament bl-idejn, apparti minn dawk li jidħlu fil-kategoriji 1 jew 2, u tpinġijiet b'kull tip ta' medja eżekwiti kompletament bl-idejn fuq kull tip ta' materjal[1]	6914 9701

[1] Li għandhom iktar minn 50 sena u m'humiex ta' l-oriġinatarju tagħhom.

		↓ 3911/92 (adattat)
~~5.~~ ⌦ 6. ⌫ *Engravings* oriġinali, *prints*, *serigraphs* u *lithographs* bil-*plates* u *posters* rispettivi oriġinali tagħhom[1]	Chapter 49 9702 00 00 8442 50 99	
~~6.~~ ⌦ 7. ⌫ Skulturi oriġinali u statwi u kopji prodotti permezz ta' l-istess proċess bħall-oriġinal[1], minbarra dawk f'kategorija 1	9703 00 00	
~~7.~~ ⌦ 8. ⌫ Ritratti, *films* u negattivi tagħhom[1]	3704 3705 3706 4911 91 80	
~~8.~~ ⌦ 9. ⌫ Incunabula u manuskritti, inklużi mapep u spartiti mużikali, kemm weħidhom kif ukoll f'kollezzjonijiet[1]	9702 00 00 9706 00 00 4901 10 00 4901 99 00 4904 00 00 4905 91 00 4905 99 00 4906 00 00	
~~9.~~ ⌦ 10. ⌫ Kotba ta' aktar minn100 sena, weħidhom jew f'kollezzjonijiet	9705 00 00 9706 00 00	
~~10.~~ ⌦ 11. ⌫ Mapep stampati ta' aktar minn 200 sena	9706 00 00	
~~11.~~ ⌦ 12. ⌫ Arkivji, li elementi minnhom, ta' kull xeħta jew ta' kull medium għandhom aktar minn 50 sena	3704 3705 3706 4901 4906 9705 00 00	

		9706 00 00
~~12.~~ ⌦ 13. ⌫	(a) Kollezzjonijiet[2] u kampjuni minn kollezzjonijiet żoloġiċi, botaniċi, mieraloġiċi jew anatomiċi;	9705 00 00
	(b) Kollezzjonijiet[3] ta' interess storiku, palaentoloġiku, etnografiku jew numismatiku	9705 00 00
~~13.~~ ⌦ 14. ⌫	Mezzi ta' trasport li għandhom aktar minn 75 sena	9705 00 00 Kapitoli 86—89
~~14.~~ ⌦ 15. ⌫	Kull oġġetti antiki oħra mhux inklużi f'kategoriji A.1 sa ~~A.13~~ ⌦ A.14 ⌫	
	(a) li għandhom bejn 50 u 100 sena:	
	– ġugarelli, logħob	Kapitolu 95
	– *glassware*	7013
	– oġġetti ta' affarijiet li jintużaw minn *goldsmiths* jew arġentiera	7114
	– għamara	Kapitolu 94
	– apparat ottiku, fotografiku jew ċinematografiku	Kapitolu 90
	– strumenti mużikali	Kapitolu 92
	– arloġġi u arloġġi ta' l-idejn u partijiet minnhom	Kapitolu 91
	– oġġetti ta' l-injam	Kapitolu 44
	– fuħħar	Kapitolu 69
	– tapizzeriji	5805 00 00

---

[2] Kif definit mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tal-każ 252/84, kif ġej:Bċejjeċ ta' "kollezzjonisti' fid-definizzjoni tat-titolu Nru 97.05 tat-Tariffi Komuni tad-Dwana huma artikoli li jipposjedu dawk il-karatteristiċi biex jiġu inklużi f'kollezzjoni, jiġifieri, artikoli li huma relattivament rari u m'humiex normalment użati għall-iskop oriġinali tagħhom, u huma għal transazzjonijiet speċjali barra s-sengħa normali f'artikoli utilitarji simili u huma ta' valur għola."

[3] Kif definit mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tal-każ 252/84, kif ġej:Bċejjeċ ta' "kollezzjonisti' fid-definizzjoni tat-titolu Nru 97.05 tat-Tariffi Komuni tad-Dwana huma artikoli li jipposjedu dawk il-karatteristiċi biex jiġu inklużi f'kollezzjoni, jiġifieri, artikoli li huma relattivament rari u m'humiex normalment użati għall-iskop oriġinali tagħhom, u huma għal transazzjonijiet speċjali barra s-sengħa normali f'artikoli utilitarji simili u huma ta' valur għola."

–	twapet	Kapitolu 57
–	wallpaper	4814
–	armamenti	Kapitolu 93
(b)	li jkollhom aktar minn 100 sena	9706 00 00

L-oġġetti kulturali f'kategoriji A.1 sa ~~A.14~~ ⌦ A.15 ⌫ huma koperti b'dan ir-Regolament biss jekk il-valur tagħhom jikkorrispondi għal, jew jeċċedi, t-*thresholds* finanzjarji taħt B.

B. *THRESHOLDS* FINANZJARJI APPLIKABBLI GĦAL ĊERTI KATEGORIJI TAĦT A (F'~~ECU~~ ⌦ EURO ⌫)

↓ 974/2001 Art. 1 pt. 1

VALUR:

Hu x'inhu l-valur

↓ 3911/92 (adattat)

– 1 (Oġġetti arkeoloġiċi)

– 2 (Monumenti żarmati)

– ~~8~~ ⌦ 9 ⌫ (Incunabula u manuskritti)

– ~~11~~ ⌦ 12 ⌫ (Arkivji)

15 000

– ~~4~~ ⌦ 5 ⌫ (Mosaics u tpinġijiet)

– ~~5~~ ⌦ 6 ⌫ (*Engravings*)

– ~~7~~ ⌦ 8 ⌫ (Ritratti)

– ~~10~~ ⌦ 11 ⌫ (Mapep stampati)

↓ 2469/96 Art. 1 pt. 2 (adattat)

30 000

– ~~3A~~ ⌦ 4 ⌫ (Akkwarell, gouache u pastel)

↓ 3911/92 (adattat)

50 000

– ~~6~~ ⌦ 7 ⌫ (Statwi)

– ~~9~~ ⌦ 10 ⌫ (Kotba)

– ~~12~~ ⌦ 13 ⌫ (Kollezzjonijiet)

– ~~13~~ ⌦ 14 ⌫ (Mezzi ta' trasport)

– ~~14~~ ⌦ 15 ⌫ (Kull oġġett ieħor)

150 000

– 3 (Pitturi)

L-istima ta' jekk jew le l-kondizzjonijiet li jirreferu għall-valur finanzjarju jkunux osservati għandha ssir meta ssir applikazzjoni għal liċenzja ta' esportazzjoni. Il-valur finanzjarju hu dak ta' l-oġġetti kulturali fl-Istat Membru msemmi fl-Artikolu 2(2) ~~tar-Regolament.~~

↓ 974/2001 Art. 1 pt. 2 (adattat)

Għall-Istati Membri li m'għandhomx l-euro bħala l-munita tagħhom, il-valuri espressi f'euro fl-Anness ⌦ I ⌫ għandhom jiġu konvertiti u espressi f'muniti nazzjonali bir-rata ta' bdil fil-31 ta' Diċembru 2001 pubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*. Dan il-valur f'muniti nazzjonali għandu jiġi revedut kull sentejn b'effett mill-31 ta' Diċembru 2001. Kalkulazzjoni ta' dan il-valur għandu jiġi bbażat fuq medja ta' valur ta' kull ġurnata ta' dawk il-muniti, espressi f'ecu, matul l-24 xahar fl-ewwel ġurnata t'Awissu qabel ir-reviżjoni li tibda b'effett mill-31 ta' Diċembru. Dan il-metodu ta' kalkulazzjoni għandu jiġi revedut, fuq proposta mill-Kummissjoni, mill-Kumitat Konsultattiv fuq Oġġetti Kulturali, fil-bidu ta' sentejn wara l-ewwel applikazzjoni. Għal kull reviżjoni, il-valuri espressi f'euro u l-valuri tagħhom f'muniti nazzjonali għandhom jiġu pubblikati perjodikalment fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-~~tal-Komunitajiet Ewropej.~~* ⌦ ta' *l-Unjoni Ewropea* ⌫ fl-ewwel ġranet tax-xahar ta' Novembru qabel id-data li fiha tibda r-reviżjoni.

↑

ANNESS II

Regolament imħassar flimkien ma' l-emendamenti suċċessivi tiegħu

Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3911/92 (ĠU L 395, 31.12.1992, p. 1)	
Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2469/96 (ĠU L 335, 24.12.1996, p. 9)	
Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 974/2001 (ĠU L 137, 19.5.2001, p. 10)	
Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 806/2003 (ĠU L 122, 16.5.2003, p. 1)	Anness I punt 2 biss

ANNESS III

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

Regolament (KEE) Nru 3911/92	Dan ir-Regolament
Artikolu 1	Artikolu 1
Artikolu 2(1)	Artikolu 2(1)
Artikolu 2(2), l-ewwel sub-paragrafu, kliem ta' introduzzjoni	Artikolu 2(2), l-ewwel sub-paragrafu, kliem ta' introduzzjoni
Artikolu 2(2), l-ewwel sub-paragrafu, l-ewwel inċiz	Artikolu 2(2), l-ewwel sub-paragrafu, punt (a)
Artikolu 2(2), l-ewwel sub-paragrafu, it-tieni inċiz	Artikolu 2(2), l-ewwel sub-paragrafu, punt (b)
Artikolu 2(2), it-tieni sub-paragrafu	Artikolu 2(2), it-tieni sub-paragrafu
Artikolu 2(2), it-tielet sub-paragrafu	Artikolu 2(2), it-tielet sub-paragrafu
Artikolu 2(2), ir-raba' sub-paragrafu	Artikolu 2(2), ir-raba' subparagraph
Artikolu 2(3)	Artikolu 2(3)
Artikolu 2(4)	Artikolu 2(4)
Artikoli 3 sa 9	Artikoli 3 sa 9
Artikolu 10, l-ewwel paragrafu	Artikolu 10(1), l-ewwel sub-paragrafu
Artikolu 10, it-tieni paragrafu	Artikolu 10(1), it-tieni sub-paragrafu
Artikolu 10, it-tielet paragrafu	Artikolu 10(2), l-ewwel sub-paragrafu
Artikolu 10, ir-raba' paragrafu	Artikolu 10(2), it-tieni sub-paragrafu
Artikolu 10, il-ħames paragrafu	Artikolu 10(2), it-tielet sub-paragrafu
—	Artikolu 11
Artikolu 11	Artikolu 12
Anness, punti A.1, A.2 u A.3	Anness I, punti A.1, A.2 u A.3
Anness, punt A.3A	Anness I, punt A.4
Anness, punt A.4	Anness I, punt A.5

Anness, punt A.5	Anness I, punt A.6
Anness, punt A.6	Anness I, punt A.7
Anness, punt A.7	Anness I, punt A.8
Anness, punt A.8	Anness I, punt A.9
Anness, punt A.9	Anness I, punt A.10
Anness, point A.10	Anness I, point A.11
Anness, punt A.11	Anness I, punt A.12
Anness, punt A.12	Anness I, punt A.13
Anness, punt A.13	Anness I, punt A.14
Anness, punt A.14	Anness I, punt A.15
Anness, punt B	Anness I, punt B
—	Anness II
—	Anness III